

Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-*data* li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012, kif implimentat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/282 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

(2018/C 73/05)

Qed tingħbed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-*data* għall-informazzjoni li ġejja, f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾:

Il-bażi legali għal din l-operazzjoni ta' pproċessar hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 ⁽²⁾, kif implimentat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/282 ⁽³⁾.

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar hu l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrappreżentat mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ C (Affarijiet Barranin, Tkabbir, Protezzjoni Ċivili) tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u d-dipartiment inkarigat bl-operazzjoni ta' pproċessar hu l-Unità 1C tad-DĠ C li wieħed jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Council of the European Union
General Secretariat
DG C 1C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

L-għan tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 36/2012, kif implimentat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/282.

Is-suġġetti tad-*data* huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw kriterji għall-elenkar fil-lista kif stabbilit f'dak ir-Regolament.

Id-*data* personali miġbura tinkludi d-*data* meħtieġa għall-identifikazzjoni korretta tal-persuna kkonċernata, id-Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet u kwalunkwe *data* oħra relatata.

Id-*data* personali miġbura tista' tiġi kondiviża kif meħtieġ mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet previsti fl-Artikolu 20(1)(a) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, it-talbiet għall-aċċess, kif ukoll it-talbiet għar-rettifika jew oġġezzjoni ser jitwieġbu f'konformità mat-taqsima 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/644/KE ⁽⁴⁾.

Id-*data* personali ser tinżamm għal 5 snin minn meta s-suġġett tad-*data* jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-iffriżar tal-assi jew il-validità tal-miżura tkun skadjet, jew sakemm ikunu fis-seħħ il-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jirrikorru għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

⁽¹⁾ ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 16, 19.1.2012, p. 1.

⁽³⁾ ĠUL 54 I, 26.2.2018, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠUL 142M, 30.5.2006, p. 249.